MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 700/2010

**Anthony Stivala (K.I. Nru 0591956)**

**vs**

**P.L. Quentin Tanti B.A., L.P (K.I. numru 485975 M) bhala mandatarju tal-assenti Marlene Dufresne (numru tal-passaport Malti 0649366) ta' 7128, Maybrook Drive, Las Vegas, Nevada, 19129, U.S.A.**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat ta' Anthony Stivala fejn gie premess:-

**Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza**

Permezz ta’ testament datat 9 ta’ Mejju 1968 in atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupius, Emmanuele u Carmela konjugi Stivala ddisponew minn gidhom billi, inter alia, istitwew lil uliedhom Charles, Marlene u Anthony, ahwa Stivala, b’eredi fi kwoti ndaqs bejniethom.

Permezz ta’ testament datat 24 ta’ April 1971 in atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupius, Emanuele u Carmela konjugi Stivala, filwaqt li kkonfermaw it-testment precedenti taghhom datat 9 ta’ Mejju 1968, komplew jiddisponu minn gidhom billi, inter alia, hallew (1) b’titolu ta’ legat in piena u assoluta, proprjeta’, lil binhom Charles Stivala, l-fond bl-uzu, ta’ ‘Chartolene’ gewwa San Giljan; (2) b’titolu ta’ legat in piena u assoluta proprjeta’, lil binhom Anthony Stivala l-fond bl-isem ta’ ‘Liberty’ gewwa San Giljan; u (3) b’titolu ta’ legat lil binthom Marlene Darrell Le Jeune (sussegwentement Dufresne), l-uzu u luzufrott tal-fond bl-isem ta’ ‘Carmen’ gewwa San Giljan.

Emmanuele Stivala miet fis-16 ta’ April, 1976, filwaqt li Carmela Stivala mietet fid-19 ta’ Novembru, 2007.

Charles Stivala, hu l-kontendenti immitta lill-attur rikorrenti fil-pussess tal-fond bl-isem ta’ ‘Liberty’ li jinsab gewwa Triq il-Qaliet, San Giljan permezz ta’ att pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Daniela Borg datat 12 ta’ April, 2010.

Minkejja ‘illi hekk mitluba diversi drabi, l-konvenuta ntimata qieghda espressament tirrifjuta ‘lli timmitti lill-attur rikorrenti fil-pussess tal-fond bl-isem ta’ ‘Liberty’ li jinsab gewwa Triq il-Qaliet, San Giljan; dan minghajr ebda raguni valida fil-Ligi.

L-attur rikorrenti Anthony Stivala jaf personalment b’dawn il-fatti kollha.

**Raguni tat-talba**

Peress illi l-konvenuta ntimata qieghda espressament tirrifjuta li timmetti lill-attur rikorrenti fil-pussess tal-fond bl-isem ta’ ‘Liberty’ li jinsab gewwa Triq il-Qaliet, San Giljan;

dan minghajr ebda raguni valida fil-Ligi, l-attur rikkorrenti kellu jippromwovi dawn il-proceduri.

**Talbiet:**

Ghal l-imsemmija ragunijiet l-attur qed jitlob li jigi ordnat lill-konvenuta ntimata timmetti lill-attur rikorrenti fil-pussess tal-fond bl-isem ta' 'Liberty' li jinsab gewwa Triq il-Qaliet, San Giljan u dan skont l-ahhar xewqat tat-testaturi Emmanuele u Carmela konjugi Stivala, li jigi ordnat lill-konvenuta ntimata sabiex fi zmien qasir u perentorju, li jigi prefiss minn din il-Qorti, tersaq ghall-publikazzjoni tal-att pubbliku ta' immissjoni fil-pussess, li jigi ffissat jum, hin u lok ghall-publikazzjoni tal-istess att, li jigi mahtur Nutar Pubbliku sabiex jippubblika u jirregistrar l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess u li jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-konvenuta ntimata f'kaz ta' kontumacja taghha fuq l-att pubbliku relattiv ta' immissjoni fil-pussess.

B'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-attur rikorrenti u bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Prokuratur Legali Quentin Tanti, fil-kapacita' tieghu fuq premessa fejn gie eccepit:-

Preliminarjament, it-talbiet attrici huma intempestivi ghaliex dawn ma gewx preceduti minn ebda interpellazzjoni.

Fil-mertu, it-talbiet attrici kif redatti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex hwua fil-fatt l-attur illi ma jridx jaghlaq il-pendenzi rimanenti in rigward ghall-assi li kienu proprjeta' tal-konjugi Emmanuele u Carmen Stivala, dana ghaliex huwa ma jridx jimmetti lil ohtu Marlene Dufresne fil-pussess tal-legat imholli lilha fit-testment tas-6 ta' Gunju, 1978. Marlene Dufresne qatt ma rrifjutat li tespleta l-obbligi taghha skond il-ligi u skond it-testmenti relativi, imma talbet dejjem illi l-attur jottempera ruhu skond it-testmenti pertinenti, haga illi huwa ma ghamilx, minkejja

bosta interpellazzjonijiet permezz ta’ atti gudizzjarji u, minnflok, qabad u fetah din il-kawza.

Ir-rikorrenti ma jsemmix il-legat ordnat minn Carmen Stivala fit-testment tas-6 ta’ Gunju, 1978 u jiccita mit-testmenti il-partijiet li jaqblu lilu biss.

L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom allura jitbatew mill-attur minhabba (a) l-intempestivita’ indubbja tat-talbiet tieghu u (b) minhabba l-fatt illi l-interpellat diversi drabi sabiex jaddivjeni ghall-eghluq tal-pendenzi bejn l-ahwa eredi tal-konjugi Stivali, dana ma ghamlux.

Fil-fatt il-konvenut nomine qieghed jipprevali ruhu mid-dritt illi taghtih il-ligi illi jipprezenta l-appozita kontrotalba.

Bl-ispejjez kontra l-attur illi gie ngunt in subizzjoni.

Il-konvenut nomine pprevala ruhu mill-imsemmi rikors guramentat tal-attur u ppresenta kontro-talba skond il-ligi fejn gie premess:-

**Dikjarazzjoni tal-oggett tal-kawza**

Permezz ta’ testment datat id-9 ta’ mejju, 1968 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis (ezebit mill-attur bhala document ‘A’), il-konjugi Emmanuele u Carmela Stivala iddisponew minn gidhom billi, fost affarijiet ohra, permezz tal-hames artikolu tal-istess, istitwew lit-tliet uliedhom Charles, Marlene u Anthony, ahwa Stivala, bhala eredi taghhom, fi kwoti indaqs bejniethom.

Permezz ta’ testment datat l-24 ta’ April, 1971 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupius (ezebiti mill-attur bhala document ‘B’) l-istess konjugi Emmanuele u Carmela Stivala, waqt illi ikkonfermaw, permezz tal-ewwel artikolu tal-istess, it-testment precedenti taghhom tad-9 ta’ mejju, 1968, ghamlu disposizzjonijiet ulterjuri dwar gidhom, fosthom permezz tar-raba’ artikolu tal-istess, hallew b’titolu ta’ prelegat lil binthom Marlene (illum Dufresne) l-uzu taufrutt tad-dar jisimha ‘Carmen’ f’Ross Street, San Giljan.

Emmanuele Stivala miet fis-16 ta' April, 1976.

Permezz ta' testment datat is-6 ta' Gunju, 1978 (ezebit mill-attur bhala dokument 'C') Carmela Stivala, f'dak l-istadju armla ta' Emmanuele Stivala, waqt illi permezz tal-ewwel artikolu tal-istess, ikkonfermat it-testment tal-24 t'April, 1971 (liema testment kien ikkonferma l-ewwel testment tal-konjugi datat id-9 ta' Mejju, 1968) permezz tat-tieni artikolu tal-istess tielet testment irrevokat ir-raba' artikolu tat-testment tal-24 ta' April, 1976, u issostitwietu b'li gej:

*B'titolu ta' legat in piena u assoluta proprieta t-testatrici thalli lil bintha Marlene mart Darrell Le jeune minnu divorzjata d-dar "Carmen" Ross Street, San Giljan.*
*Ghall-kull fini u effett tal-ligi it-testatrici tiddikjara li l-fond imholli b'legat jappartieni lill-komunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejnha u bejn il-mejjet zewgha.*

Permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat is-26 ta' April, 1994, Carmela Stivala iddonat lil binha Anthony Stivala sehmha, ossia nofs indiviz tal-fond jismu "Carmen" fi Triq Ross, San Giljan.
Carmela Stivala mietet fid-19 ta' Novembru, 2007.

Allura, il-posizzjoni tal-fond "Carmen" fi Triq Ross, San Giljan, fil-mument tal-mewt tal-ahhar persuna hajja miz-zewg konjugi Stivala, u cioe' Carmen Stivala, huwa illi:

In-Nofs tal-fond (dak li kien is-sehem indiviz ta' Carmen Stivala) kien proprjeta' ta' Anthony Stivala in forza tal-kuntratt ta' donazzjoni tas-26 ta' April, 1994;

In-nofs l-iehor tal-fond (dak li kien is-sehem indiviz ta' Anthony Stivala) thalla permezz tal-legat fit-testment tas-6 ta' Gunju, 1978 lil Marlene Dufresne bhala "legato di cosa altrui" kwantu ghas-sehem ta' nofs indiviz li kien jappartjeni lill-missier.

L-ahwa Charles Stivala, marlene Dufresne u Anthony Stivala, huma l-eredi ta' missierhom fi kwoti indaqs

bejniethom, ai termini tat-testment tad-9 ta' Mejju, 1968, kif konfermat fit-testment tal-24 ta' April, 1971, u ghalhekk, kien u ghadu dmir tal-ahwa Charles u Anthony Stivala illi jimmettu fil-pussess lil ohthom Marlene Dufresne tal-legat imholli lilha permezz tat-testment tas-6 ta' Gunju, 1978.

Permezz ta' att fl-atti tan-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel datat id-19 ta' Dicembru, 2008, (kopja tieghu hija hawn annessa bhala document 'Ki'), Carmel sive Charles Stivala, hu Marlene Dufresne u l-intimat Anthony Stivala, immetta fil-pussess lil Marlene Dufresne ta' *sehemu mid-dar fuq imsemmija skond ix-xewqa tad-decujus Carmela Stivala.*

L-attur rikonvenzjonat Anthony Stivala gie interpellat bosta drabi sabiex jottempera ruhu, u jimmetti lil ohtu Marlene Dufresne fil-pussess ta' sehmha mill-istess fond, imma huwa baqa' ghal kollox inadempjenti.

Anzi l-istess attur rikonvenzjonat baqa' jikkunsidra l-fond de quo bhala tieghu u sahansitra jikrih minghajr il-kunsens ta' ohtu.

Fil-fatt, l-attur rikonvenzjonat kien gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata il-21 ta' Ottubru, 2008 (hawn annessa bhala document 'K2') sabiex jaddivjeni ghall-immissjoni fil-pussess favur ohtu Marlene Dufresne tal-legat imholli lilha, imma dana ma sarx.

L-intimat rikonvenzjonat kien anzi wiegeb permezz ta' ittra legali responsiva datata is-7 ta' Novembru, 2008 (hawn annessa bhala dokument 'K3') fejn allega illi it-talba ghalll-immissjoni fil-pussess kienet bla ebda bazi ghal ragunijiet validi fil-ligi u illi indika fl-istess ittra ufficjali.

Permezz ta' protest gudizzjarju datat it-23 ta' Marzu, 2009, imbghad, ir-rikorrenti nomine kien rega' interpella lill-istess Anthony Stivala, informah li huh Charles kien ottempera ruhu u immetta lil ohtu fil-pussess tal-legat imholli lilha, u *inter alia* rega' interpellah sabiex jeffettwa tali immissjoni fil-pussess. Dan id-dokument huwa hawn anness bhala dokument 'K4'.

L-intimat rikonvenzjonat rega' irribatta din it-talba permezz ta' kontroprotest datat is-7 ta' April, 2009, fejn essenzjalment rega' sostna l-allegazzjonijiet li kien vanta fl-ittra ufficjali responsiva tieghu tas-7 ta' Novembru, 2008. Dan id-dokument huwa hawn anness bhala dokument 'K5'.

Permezz ta' protest gudizzjarju iehor datat il-31 ta' Dicembru, 2008, imbghad, ir-rikkorenti nomine kien rega'interpella lil Anthony Stivala sabiex *inter alia* jimmetti lil ohtu fil-pussess tal-legat imholli lilha. Dan id-dokument gie pprezentat minn Anthony Stivala fl-atti ta' din il-kawza bhala dokument 'E'.

L-intimat rikonvenzjonat rega' irribatta din it-talba permezz ta' kontroprotest iehor datat il-21 ta' Jannar, 2010. Dan id-dokument gie ipprezentat minn Anthony Stivala fl-atti ta' din il-kawza bhala dokument 'F'.

Sal-lum, din l-immissjoni ghadha ma saritx, u ghalhekk kellha issir din il-kawza ossia kontrotalba.

Ghalhekk l-intimat rikonvenzjonant qed jitlob li l-attur rikonvenzjonat Anthony Stivala jigi ordnat sabiex jimmetti lill-konvenut nomine fil-pussess tas-sehem spettanti lil Marlene Dufresne mill-fond bl-isem "Carmen House" gewwa Triq Ross, San Giljan, dana skond it-testmenti tal-konjugi Emmanuele u Carmela Stivala fuq citati u l-legat relativ, li l-istess attur rikonvenzjonat jigi ornate li, fi zmien qasir u perentorju, jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku ta' immissjoni fil-pussess, li jigi ffissat jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess att pubbliku, li jigi nominat nutar pubbliku sabiex jippublika u jirregistra l-att relattiv ta' immissjoni filpussess u li jigi mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-attur rikonvenzjonat f'kaz ta' kontumacija tieghu fuq l-att pubbliku relattiv ta' immissjoni fil-pussess.

B’riserva specifika ta’ kull azzjoni spettanti lill-konvenut rikonvenzjonanti nomine kontra l-istess attur rikonvenzjonat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Ottubru, 2008, u tal-protesti gudizzjarji tat-23 ta’ Marzu, 2009 u tal-31 ta’ Dicembru, 2009, kontra l-attur rikonvenzjonat illi huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata rikonvenzjonali tal-attur fejn gie eccepit:-

Fl-ewwel lok, it-talbiet rikonvenzjonali huma intempestivi u ntizi biss sabiex jintralcjaw l-azzjoni proposta mill-attur rikonvenzjonat rigwardanti talbiet ‘lli jistghu jigu facilment spediti. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha l-ewwel tghaddi sabiex tidderimi t-talbiet tal-attur rikonvenzjonat qabel ma jigu trattati dawk rikonvenzjonali.

Fit-tieni lok, it-talbiet rikonvenzjonali m’ghandhomx jigu allokati stanti ‘lli, anke kieku il-legat imholli bit-testment tas-6 ta’ Gunju, 1978 kellu jitqies bhala validu fl-intier tieghu, dan gie pjenament sodisfatt mill-attur kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri gudizzjarji datati 15 ta’ Lulju 2008 u 7 ta’ Novembru 2008, tal-kontro-protesti gudizzjarji datati 7 ta’ April 2008, u 21 ta’ Jannar 2010, kontra l-konvenuta rikonvenzjonanti u b’riserva ta’ kwalunkwe azzjoni spettanti lill-attur rikonvenzjonat.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur.

Semghat lill-attur in ezami kif ukoll in kontro-ezami.

Rat l-affidavit tal-konvenuta.

Semghat lill-konvenut nomine l-P.L. Quentin Tanti.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiiet tal-attur rikonvenzjonat.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenuta rikonvenzjonanti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Din il-kawza qed issir minn Anthony Stivala ("l-attur") kontra ohtu Marlene Dufresne li hi assenti minn Malta u residenti fl-Istati Uniti kif rappresentata mill-P.L. Quentin Tanti ("il-konvenuta").

Jiirrizulta li b'testament tad-9 ta' Mejju 1968 in atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupius, Emmanuele u Carmela konjugi Stivala, li huma l-genituri tal-kontendenti ddisponew minn gidhom billi, inter alia, istitwew lit-tlett uliedhom Charles, Marlene (l-konvenuta) u Anthony (l-attur), ahwa Stivala, bhala eredi taghhom fi kwoti ndaqs bejniethom. B'testament tal-24 ta' April 1971 in atti tal-imsemmi nutar, l-imsemmija konjugi Stivala kkonfermaw l-imsemmi testment precedenti taghhom u komplew jiddisponu minn gidhom billi hallew b'titolu ta' legat in piena u assoluta, proprjeta', lil binhom Charles Stivala, l-fond bl-uzu, 'Chartolene' gewwa San Giljan; (2) b'titolu ta' legat in piena u assoluta proprjeta', lil binhom l-attur Anthony Stivala l-fond bl-isem ta' 'Liberty' gewwa San Giljan; u (3) b'titolu ta' legat lil binthom il-konvenuta Marlene Darrell Le Jeune (sussegwentement Dufresne), l-uzu u l-uzufrutt tal-fond bl-isem ta' 'Carmen' gewwa San Giljan. L-imsemmijin Emmanuele Stivala miet fis-16 ta' April, 1976, u Carmela Stivala mietet fid-19 ta' Novembru, 2007.

Il-kawza hi dwar l-immissjoni fil-pussess tal-kontendenti reciprokament tal-imsemmija legati rispettivament imhollijin lilhom mig-genituri taghhom. Difatti kemm il-konvenuta qed tirrifjuta li timmetti fil-pussess lill-attur u hekk ukoll l-attur qed jirrifjuta li jimmetti l-konvenuta fl-imsemmi pussess. Iz-zewg partijiet jaghtu ir-ragunijiet ghaliex huma qed jirrifjutaw li jimmettu fil-pussess lill-parti

l-ohra. Dawn  ir-ragunijiet jimmeritaw li jigi esaminati fid-dettal.

Il-konvenuta teccepixxi preliminarjament li t-talbiet attrici huma intempestivi ghaliex dawn ma gewx preceduti minn ebda interpellazzjoni. Din l-ecceezzjoni tirrizulta li m'ghandha ebda fundament fil-ligi u kwindi ghandha tigi michuda. Il-konvenuta tkompli teccepixi fil-meritu li fil-fatt huwa l-attur li ma jridx jaghlaq ir-rimanenti pendenzi rigwardanti l-assi ereditarji tal-genituri tal-partijiet. Hawnhekk il-konvenuta taghmel referenza ghal testament tas-6 ta' Gunju, 1978. maghmul mill-imsemmija ommha Carmela Stivala wara li zewgha Emmanuele Stivala kien gia miet. In effett, ghal xi raguni mhux maghrufa, l-attur naqas li jaghmel referenza ghal dan it-testment.

Il-konvenuta pprevaliet ruhha minn dawn il-proceduri li nbdew mill-attur sabiex taghmel il-kontro-talbiet taghha. Minn din il-kontro-talba jemergu fatti godda u cioe' li permezz tal-imsemmi testment datat is-6 ta' Gunju, 1978 l-imsemmija  Carmela Stivala, f'dak l-istadju armla ta' Emmanuele Stivala, filwaqt li kkonfermat l-imsemmi testment precedenti tal-24 t'April, 1971 irrevokat l-artikolu li bih thalla l-imsemmi legat lill-konvenuta u minflok halliet lill-istess konvenuta dejjem b'titolu ta' legat legat din id-darba in piena u assoluta proprieta' tal-istess fond li kien thalla lill-istess konvenuta pero' biss l-uzu u l-uzufrutt tieghu. Fl-istess testament it-testatrici ddikjarat li l-fond imholli b'legat lill-konvenuta jappartieni lill-komunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejnha u bejn il-mejjet zewgha.

Jirrzulta li permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat is-26 ta' April, 1994, Carmela Stivala iddonat lil binha Anthony Stivala sehmha, ossia nofs indiviz mill-fond li kien gie mholli b'legat lill-konvenuta kif jinghad aktar il-fuq.  Dan il-fond huwa "Carmen" fi Triq Ross, San Giljan.

Il-posizzjoni tal-fond "Carmen" fi Triq Ross, San Giljan, fil-mument tal-mewt tas-superstiti tal-konjugi Stivala cioe' l-omm Carmela hi li n-nofs tal-fond, cioe' s-sehem indiviz ta' Carmen Stivala, hu proprjeta' tal-attur Anthony Stivala u dan in forza tal-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni tas-26

ta’ April, 1994. In-nofs indiviz l-iehor tal-fond, cioe’ s-sehem li kien jappartjeni lill-missier, mal-mewt tal-missier ghadda fuq it-tlett it-tfal tieghu li kienu nominate eredi tieghu. Pero’ f’dan ir-rigward ghandu jigi konsidrat li l-omm bit-testment li ghamlet wara l-mewt ta’ zewgha u cioe’ dak li sar fis-6 ta’ Gunju, 1978, halliet lill-konvenuta Marlene Dufresne bhala “legato di cosa altrui” l-propjeta’ assoluta tal-istess fond. It-testatrici f’dan il-kaz iddikjarat specifikatament li kienet taf li l-fond kien jappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejna u zewgha.

Hu ovvju li meta sar l-imsemmi testment tal-1978 il-komunjoni tal-akkwisti  bejn il-konjugi Stivala ma kienitx ghada tezizti in vista tal-mewt tal-missier u kwindi s-sehem tal-missier kien gia ghadda ghand il-werrieta tieghu cioe t-tlett uliedu. F’dan ir-rigward, pero’, l-legat imholli lill-konvenuta mill-omm ghandu jigi ritenut li hu regolari kwantu ghas-sehem li kien jappartjeni lill-missier. Kwindi l-konvenuta ghandha titqies li hi l-propjetarja tan-nofs indiviz li kien jappartjeni lil missier.

Ritornando ghat-talbiet tal-partijiet, cioe’ kemm tal-attut kif ukoll tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha, l-artikolu 726 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) jipprovdi li l-legatarju ghandu jitlob minnghand il-werrieta l-pussess tal-haga mhollija lilu b’legat. Kwindi hi legittima t-talba tal-attur li jitlob minnghand il-konvenuta (werrieta tal-genituri taghha) li jigi mmess fil-pussess tal-fond li thalla lilu b’legat. Ghalhekk hi ukoll legittima t-talba tal-konvenuta biex tigi mmessa fil-pussess tal-fond li thalla lilha b’legat. L-artikolu 838 tal-istess Kodici Civili jistipula li l-pussess tal-massa ereditarja hut al-werriet jew tal-werrieta  Hu ghalhekk li l-legatarju ghandu jitlob, li jinghata l-pussess tal-haga mhollija lilu permezz ta’ legat, minnghand il-werieta. Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tal-14 ta’ Marzu 1946 fil-kawza fl-ismijiet “Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer” irriteniet lil-immissjoni fil-pussess hi necessarja fejn il-legatarju hu wiehed mill-werrieta. Jista jinghad li l-Qrati taghna huma tal-fehma li mal-mewt tad-decujus il-propjeta’ tal-haga mholija b’legat tghaddi f’idejn il-legatarju filwaqt li l-pussess hu traferit lill-werrieta u hu ghalhekk li hi necessarja t-talba tal-legatarju

lill-werriet sabiex jinghata l-pussess tal-haga mhollija b’legat. (Vide Carmela Sammut vs Avv. Dr. Giuseppe Sacco nomine deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta’ Mejju 1955).

Ghal Qorti hu ovvju li meta sar it-testment unica charta bejn il-konjugi Stivala huma hallew b’legat fond lil kull wiehed u wahda minn uliedhom pero’ filwaqt li lill-attur u lil huh il-fond mholli kien in piena propjeta, lill-konvenuta thalla biss l-uzu u l-uzufrutt tal-fond. Jidher li meta l-omm ghamlet it-testment waheda hi riedet meta ghamlet il-legat “di cosa altrui” tirrangia din is-sitwazzjoni u halliet lill-konvenuta, mhux biss l-uzu u l-uzufrutt tal-fond izda l-piena propjeta’ tieghu. Inoltre l-fondi kollha in kwestjoni ma jidhrux li gew trasferiti u ghalhekk jinsabu kollha fil-patrimonju tal-werrieta u kwindi ma tinholoqx l-ghazla tal-werrieta li jew jakkwistaw il-fond imholli bhala “legato di cosa altrui” jew ihallsu l-ekwivalenti tal-valur tal-fond.

Inoltre ma jirrizultax li saret xi kawza biex jigi annullat l-imsemi kuntratt ta’ donazzjoni cioe’ dak li permezz tieghu l-omm iddonat is-sehem taghha cioe’ n-nofs indiviz tal-fond li thalla b’legat lill-konvenuta. Dwar dan il-kuntratt il-Qorti ghandha ir-riservi taghha stante li il-kuntratt sar meta l-omm kienet avanzat mhux hazing fl-eta’ u ghalhekk ma jistax jigi eskluz li seta kien hemm min ghamel pressjonijiet fuq l-istess omm. Id-dubji tal-Qorti huma fis-sens ta kemm kienet libera l-omm li tghamel dan il-kuntratt. Din il-kwestjoni pero’ tesorbita mit-talbiet
Kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenuta. Kwindi l-Qorti ma tistax tiddeciedi swar din il-kwestjoni. Hu semmai ghall-partijiet li jekk iridu jaghmlu talba ad hoc dwar dan. Ghalhekk l-istess kuntratt ghandu jitqies, ghal finijiet ta’ din is-sentenza li hu validu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi. Kwindi n-nofs indiviz tal-fond in kwestjoni illum jappartjeni lill-attur.

Il-konvenuta ddikjarat li huwha l-attur baqa’ jikkunsidra l-fond imholli lilha bhala tieghu u sahansitra huwa jikrih minghajr il-kunsens taghha. F’dan ir-rigward l-attur, ukoll biex jirribatti l-pretensjonijiet tal-konvenuta, jsostni li huwa hallas lill-konvenuta l-prezz miftiehem ma l-istess

konvenuta ghall-fond. L-attur jippretendi li huwa ftiehem ma ohtu li jakkwista l-fond in kwestjoni u li hallas l-ammont miftiehem u ghalhekk il-fond illum hu tieghu. L-attur jammetti li illum il-fond hu uzat minn ibnu bhala r-residenza tieghu. F'dan ir-rigward l-attur jammetti ukoll li pero' l-kuntratt relattiv ta' kompra vendita' ma giex pubbilkat. In vista ta dan il-fond ma jistax jigi kkonsidrat hu propjeta' tal-attur.

In vista ta' dak kollu li gie premess l-eccezzjonjiet fil-mertu tal-konvenuta jimmeritaw li jigu rigettati u fl-istess hin it-talba tal-attur jisthoqqliha li tigi akkolta stante li l-istess tirrizulta li hi legittima u skond il-ligi u kwindi ghandu jigi ordnat li jigi pubblikat l-att notarili relattiv ta' immissjoni fil-pussess.

Ghall-istess ragunijiet dwar il-kontro-talba tal-konvenuta, l-eccezzjonijiet kollha fil-meritu tal-attur rikonvenzjonat ghandhom jigu michuda filwaqt li t-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi dwar it-talba tal-attur kif kontenuta fir-rikors guramenta li ta' l-bidu lil dawn il-proceduri billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha fil-meritu tal-konvenuta u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet tal-attur u tordna lill-konvenuta timmetti lill-attur fil-pussess tal-fond bl-isem ta' Liberty li jinsab gewwa Triq il-Qaliet, San Giljan u dan skont l-ahhar xewqat tat-testaturi Emmanuele u Carmela konjugi Stivala, tordna lill-konvenuta sabiex mhux aktar tard minn xahar millum tersaq ghall-publikazzjoni tal-att pubbliku relattiv ta' immissjoni fil-pussess, liema att ghandu jigi pubblikat minn Nutar Dr. Maria Spiteri, li qed tigi nominata appositament minn din il-Qorti u tinnomina bhala kuratur deputat lill-Avukat Dr. Christine Calleja biex tidher ghal kull min jista jkun kontumaci fuq l-istess att pubbliku.

Ghall-istess ragunijiet tiddeciedi dwar il-kontro-talba tal-konvenuta billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha fil-meritu tal-attur rikonvenzjonat u fit-tieni lok billi tilqa it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanta u tordna lill-attur

rikonvenzjonat sabiex jimmetti lill-konvenuta fil-pussess tas-sehem spettanti lilha, ekwivalenti ghan-nofs indiviz, mill-fond bl-isem “Carmen House” gewwa Triq Ross, San Giljan u dan skond il-varji testmenti tal-konjugi Emmanuele u Carmela Stivala u tordna lill-attur sabiex mhux aktar tard minn xahar millum jersaq ghall-publikazzjoni tal-att pubbliku relattiv ta’ immissjoni fil-pussess, liema att ghandu jigi pubblikat minn Nutar Dr. Maria Spiteri, li qed tigi nominata appositament minn din il-Qorti u tinnomina bhala kuratur deputat lill-Avukat Dr. Christine Calleja biex tidher ghal kull min jista jkun kontumaci fuq l-istess att pubbliku.

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez kolha bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------